

# SMS mingħajr fruntieri: It-tmiem tas-serq fil-wiċċ fuq il- messaġġi SMS minn pajjiż għal ieħor



**Ir-Regolament ta' l-UE dwar ir-Roaming, li daħal fis-seħħ f'Lulju 2007, niżżel it-tariffi b'madwar 60% għall-konsumaturi li jużaw il-mowbajl tagħhom barra minn pajjiżhom. Ir-Regolament japplika biss għas-sejħiet bir-roaming biss. Dan jiżgura li l-prezzijiet ma jkunux wisq aktar għoljin minn tad-dar. Għalkemm il-konsumatur tal-lum qed iħallas ferm inqas għas-sejħiet bir-roaming, il-prezzijiet tal-messaġġi SMS u d-data roaming għadhom wisq għoljin. Għalhekk il-Kummissjoni qed taħdem fuq proposti biex tiżgura li l-konsumatur jibbenefika wkoll minn suq uniku fejn jidħlu dawn is-servizzi.**

## Għaliex hemm bżonn tar-Regolament?

It-tariffi ferm għoljin tar-roaming affettwaw mill-inqas 147 miljun ċittadin ta' l-UE (37 miljun turist u 110 miljun vjaġġatur tan-negozju). Bħala kontributor ewlieni għat-tkabbir u l-impjiegi, il-komunikazzjoni bil-mowbajl tokkupa post għoli ferm fl-aġenda tal-Kummissjoni. u għalhekk inħasset il-ħtieġa li tittieħed azzjoni għall-benefiċċju tal-konsumatur.

It-talbiet repetuti lill-operaturi biex ibaxxu t-tariffi tar-roaming b'mod volontarju kienu injurati. Għaldaqstant il-Kummissjoni pproponiet li jinħareġ regolament.

Imma għalkemm l-inizjattiva dwar is-sejħiet bir-roaming ħadmet, is-servizzi ta' l-SMS minn pajjiż għal ieħor u d-data roaming għadhom għoljin wisq. Għal darb'oħra, il-Kummissjoni talbet lill-operaturi jbaxxu l-prezzijiet minn jeddhom, u tathom sa l-1 ta' Lulju 2008 biex jaġixxu. Illum il-prezz medju ta' SMS bir-roaming fl-UE huwa ta' €0.29 u jistgħu jaslu sa għaxar darbiet aktar għoljin mill-messaġġi domestiċi. Barra minn hekk, it-tariffi tal-SMS bir-roaming ivarjaw minn €0.06 għal xi roamers mill-Estonja u €0.80 għal daww Belġjani. Fejn jidħlu s-servizzi tad-data, il-prezzijiet ivarjaw minn €0.25 għal kull megabyte (MB) sa aktar minn €16/MB. M'hemmx għalfejn nġhidu li l-awtoregolazzjoni ma tantx tidher li qed taħdem!

## X'għandu jsir?

Problema serja fl-UE kemm biex wieħed jibgħat il-messaġġi kif ukoll biex juża s-servizzi tad-data barra minn pajjiżu, hija t-tariffi

Ir-roaming, x'inhu?

*Jekk tmur pajjiż barrani, kif jibqa' jaħdem il-mowbajl tiegħek?*

Kull meta ċċempel jew tirċievi telefonata jew tibgħat messaġġ jew tidħol fl-internet bil-mowbajl meta tkun imsiefer, fuq vaganza jew għal negozju, tkun qiegħed roaming. Dan ifisser li s-sejħiet tiegħek ikunu qed jiġu operati minn **network barrani** minħabba li l-**fornitur ta' pajjiżek** ma jkunx jopera f'dak il-pajjiż. Sabiex jipprovdni dan is-servizz, l-operatur tan-network barrani jitlob ħlas minn għand l-operatur tiegħek. Dan il-ħlas jittieħed minn għandek u jiġi miżjud mal-prezz normali ta' telefonata f'pajjiżek.

Tkun qed tuża **s-servizzi tad-data roaming** Meta taċċessa l-internet fuq linja telefonika bil-Blackberry jew PDA tiegħek; jew tisserfja l-internet bil-laptop b'konnessjoni bid-datacard.

għoljin u n-nuqqas fit-trasparenza tal-prezzijiet. Il-Konsumatur ġeneralment ma jkunx infurmat kif suppost dwar il-prezz ta' SMS waqt li jkun qed jivjaġġa jew dwar il-prezz ta' MB ta' data mniżżla waqt li jkun imsiefer. Imbagħad isibu xi sorpriża kerha tistennihom fil-kont tat-telefown meta jaslu lura d-dar. Saħansitra każijiet ta' €40,000 talli jkunu niżżlu programm televiżiv waqt l-ivjaġġar!

Il-Kummissjoni temmen li t-tariffi attwali għall-SMS u d-data roaming huma għoljin bla htiġa u għandhom jitniżżlu.

### X'sar s'issa?

F'Mejju 2007, il-Parlament Ewropew approva kważi unanimament il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jnaqqas it-tariffi tar-roaming u li daħlet fis-seħħ fil-bidu ta' Lulju 2007.

	IS-SAJF 2008	SAJF 2009
Ewrotariffa Massima għal sejħiet	€0.46	€0.43
Ewrotariffa Massima għal sejħiet irċevuti	€0.22	€0.19
It-tariffa massima fost l-operaturi	€0.28	€0.26

### It-tariffi kkwotati huma kollha għal kull minuta u mingħajr VAT

Skont ir-Regolament, il-prezzijiet tar-roaming bl-ingrossa u bl-imnut ma jistgħux jaqbz u ċertu livell jew *ceiling* ("Ewrotariffa"). Taħt dawn il-livelli, il-kompetizzjoni għandha tagħti sehemha biex wieħed ikun jista' jagħżel fost l-aqwa pakketti ta' roaming. Il-livelli massimi attwali tal-prezzijiet se jkomplu jinżlu fl-2009 u jibqgħu obbligatorji sa l-aħħar ta' Ġunju 2010, meta jiskadi r-Regolament.

### Aktar Informazzjoni

**Is-Sit Web tal-Kummissjoni dwar ir-Roaming:** <http://ec.europa.eu/roaming/>

**Is-Soċjeta Informatika ta' l-Ewropa: Il-Portal Tematiku:** [http://ec.europa.eu/information\\_society](http://ec.europa.eu/information_society)

**Id-Direttorat Ġenerali tas-Soċjeta Informatika u l-Midja:** Av. de Beaulieu 25, B-1049 Brussell

**Email:** [info-desk@ec.europa.eu](mailto:info-desk@ec.europa.eu) **Sit Web:** [http://ec.europa.eu/dgs/information\\_society](http://ec.europa.eu/dgs/information_society)

Ir-regolament jżgura wkoll li l-informazzjoni dwar it-tariffi tkun aktar ċara u aktar aċċessibbli għall-konsumatur. Tirrekjedi li l-fornituri tas-servizzi tal-mowbajl jagħtu informazzjoni b'xejn dwar il-pajjiżi speċifiċi f'dawk li huma tariffi tar-roaming lill-klijenti tagħhom meta dawn jidħlu fi Stat Membru ieħor (b'SMS). Il-konsumaturi jistgħu jitolbu wkoll għal aktar informazzjoni b'xejn dwar it-tariffi tar-roaming permezz ta' SMS inkella b'telefonata.

F'Jannar 2008 r-regolaturi nazzjonali ta' l-UE kkonfermaw li r-Regolament tnieda bla intoppi fl-Istati Membri kollha.

Apparti minn hekk, ir-Regolament jirrikjedi li jkun rivedut mill-Kummissjoni biex jiġi deċiż jekk hemmx bżonn jiġi estiż lil hinn minn Lulju 2010 u jekk hemmx bżonn jiġi inklużi s-servizzi tal-SMS u tad-data roaming. L-istħarriġ juri li l-kompetizzjoni fis-suq tas-sejħiet bir-roaming qed tiżviluppa bil-mod. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni għandha l-għan li testendi r-regolament tas-sejħiet bil-fomm bir-roaming.

### Il-passi li jmiss

Sabiex tiżgura li l-konsumatur jibbenefika minn suq verament uniku, huwa probabbli li l-Kummissjoni tipproponi regolament dwar it-tariffi fuq il-messaġġi SMS u d-data roaming fil-bidu tal-ħarifa 2008.

Ir-Regolament dwar ir-Roaming irnexxielu jneħħi wieħed mill-aħħar ostakli tas-suq intern u bbenefika lil dawk li jivjaġġaw għal gost kif ukoll għax-xogħol. Issa jmiss li noħolqu suq uniku għall-SMS u d-data roaming.